# Minn Abbati sa Monsinjur
# MONSINJUR JOE CARABOTT
## *Arċipriet tal-Mosta 1981 - 2003*

kitba ta' Victor B. CARUANA



Monsinjur Joe Carabott twieled iż-Żejtun fis-27 ta' Frar 1936, bin Saviour Carabott u Concetta Maria mwielda Gatt. Huwa t-tieni minn erba' aħwa li jisimhom - Angelo, Carmelo u Bernardina - huma kollha miżżewġin u għandu disa' neputijiet.

Missieru kien jaħdem bħala *Chargeman* fuq il-*Floating Dock* tat-Tarzna Navali. Il-familja kienet tgħix ġewwa dar b'erbat ikmamar, bitħa u ġnien. Dan kien biżżejjed biex il-familja tgħix, tistudja u tistrieħ. Dejjem sabu ħin għall-Quddiesa ta' kuljum, ir-Rużarju flimkien u talb ieħor.

## It-Tfulija tiegħu

Mill-bidu ta' ħajtu kellu konnessjoni mal-Mosta. Huwa tgħammed fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun mill-Arċipriet Dun Pacifico Mifsud li kien mill-Mosta, u dam f'din il-kariga mill-1932 sa l-1947.

Minn ċkunitu Joe kien miġbud għas-servizz fil-knejjes. Ta' ħames snin biss huwa kien diġà abbati fi knisja żgħira ddedikata lill-Ispirtu s-Santu fiż-Żejtun. Fil-fatt huwa ngħata permess speċjali biex jirċievi l-Ewwel Tqarbina meta kellu ħames snin u erba' xhur biss. Din il-knisja u r-rettur tagħha Dun Salv Grima nisslu fih valuri li ma tħassru qatt.

Malta soffriet ħafna fit-tieni gwerra dinjija. Dan minħabba li kienet kolonja Ingliża, minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħha fil-Mediterran u anke għax tinsab biss 80 km. bogħod mill-Italja faxxista ta' dak iż-żmien. Il-ħajja ikkaġunat nuqqas kbir ta' ikel u ħajja fl-umdità tax-xelters.

Minkejja dan kollu, Joe baqa' jmur l-iskola regolarment għalkemm il-lezzjonijiet kienu jingħataw fi djar privati. Dan minħabba li l-iskejjel kienu jintużaw biex jgħixu fihom in-nies li kienu tilfu djarhom. Huwa jiftakar tajjeb il-ferħ



*L-istudent ta' 16-il sena Joe Carabott quddiem ir-Rotunda ma' grupp ta' tfal u żgħażagħ mid-**Domus** taż-Żejtun. Joe jidher l-ewwel wieħed mix-xellug bil-wieqfa fl-aħħar ringiela.*

li ħass meta sema' l-qniepen tal-knejjes idoqqu bil-ferħ għall-ewwel darba meta ċediet l-Italja u b'hekk il-gwerra kienet intemmet.

Iż-żewġ ħutu subien daħlu apprendisti fit-Tarzna u Joe ddeċieda li jkompli jistudja u qagħad għall-eżamijiet tad-dħul tal-Liċeo u s-Seminarju Minuri. Hu għadda mit-tnejn u kellu jagħżel fejn ser imur. Il-Liċeo kien b'xejn iżda s-Seminarju kien bil-ħlas. Il-ġenituri tiegħu naturalment għażlu l-Liċeo, iżda Joe xtaq jidħol is-Seminarju. Għalhekk huma qablu, għalkemm fiċ-ċirkostanzi ta' dak iż-żmien, dan kien ta' piż finanzjarju.

Joe daħal is-Seminarju Minuri ta' 11-il sena u spiċċa b'suċċess il-kors tal-Matrikola ta' 17-il sena. Dan kien żmien ta' studju kbir u sagrifiċċju, iżda mhux għal kollox. Tmiem il-ġimgħa kien svog sabiħ għalih. Huwa kompla jagħti s-servizzi tiegħu bħala abbati, u kien jipparteċipa f'kor ta' ġuvintur, li aktar tard kompla jorganizzah u anke jidderiġieh.

Huwa kien ferm attiv fiċ-Ċentru taż-żgħażagħ magħruf bħala d-*Domus* fiż-Żejtun. Hawnhekk il-ġuvintur kellhom grawnd tal-futbol, teatrin, kappella, varjetà ta' logħob ta' ġewwa u fuq kollox aktar ħbieb. Kont dejjem issib lil Joe minn ta' quddiem biex jipparteċipa, jgħin u jmexxi.

## Lejn is-Saċerdozju

Kien wasal iż-żmien li huwa jiddeċiedi l-futur tiegħu. Għal dawk ta' madwaru dan kien ċar, iżda mhux daqstant għalih. Fortunatament kellu nies madwaru li kien jafda fihom u li minn għandhom kien jieħu parir. Għalhekk iddeċieda li jidħol is-Seminarju Maġġuri biex isir saċerdot.

Huwa kompla l-istudji tiegħu b'suċċess fl-Università Rjali ta' Malta fil-Fakultajiet tat-Teoloġija u l-Filosofija. Huwa spiċċa l-kors ta' tmien snin, b'ammirazzjoni mis-superjuri tiegħu u kien popolari ħafna ma' sħabu. Matul il-kors huwa kien ikanta l-Kant Gregorjan, jorganizza okkażjonijiet speċjali, idoqq il-pjanu u jmexxi xi diskussjonijiet.

Wieħed minn sħabu ddeskrivieh bħala "ġentlom perfezzjonist, ħarsa li xxoqqok, iżda bi tbissima ħelwa". Huwa ġie ordnat saċerdot fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi fis-7 t'April 1962. Huwa ċċelebra l-*Prima Messa* tiegħu fil-parroċċa ta' Santa



*Minn sajjied dilettant għal Sajjied tal-Bnedmin. Il-ġuvni Joe fid-dgħajsa ta' missieru bil-moqdief f'idejh f'Wied il-Għajn.*



*L-isbaħ mument ta' ħajtu. Dun Joe Carabott, fl-età ta' 26 sena, waqt il-konsagrazzjoni fl-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun fis-27 ta' Lulju 1962.*

Katerina fiż-Żejtun fis-27 ta' Lulju 1962. Il-parrini tiegħu kienu Mons. Dun Salv Grima u Dun Joe Abela, bil-paniġierku minn Mons. Antonio Cilia.



*Konnessjoni oħra mal-Mosta: Seminarista fir-Rotunda - sentejn qabel ma ġie ordnat saċerdot - fil-festa ta' Santa Marija 1960. Is-Seminarista Joe Carabott jidher bil-qiegħda fin-nofs quddiem Mons. Mikiel Gonzi. Fuq ix-xellug tiegħu hemm is-Seminarista John Sammut (mill-Mosta) u fuq il-lemin Dun Arthur Barbarà. Iż-żewġ Monsinjuri ħdejn l-Arċisqof huma l-aħwa Ghigo mill-Imqabba. Fuq ix-xellug jidher ukoll Mons. Lawrence Spiteri. Fit-tarf nett fuq il-lemin jidher Dun Angelo Dingli (illum mejjet mill-Mosta wkoll).*

## L-Ewwel Pussess - Wied il-Għajn 1964-1976

Qabel ħalla s-Seminarju, l-Arċisqof M. Gonzi nkariga lil Dun Joe Carabott bħala Assistent Direttur fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Vokazzjonijiet fil-Belt Valletta. Fl-istess ħin huwa baqa' jagħti s-servizzi tiegħu fil-knisja żgħira ta' tfulitu, baqa' jmur id-*Domus* fejn ħadem ħafna mażżgħażagħ u kien jagħti sehem sħiħ pastorali fil-parroċċa ta' raħal twelidu - iż-Żejtun. Imma għal ftit żmien biss.

Fl-1963 huwa ġie nnominat minn Mons. Arċisqof M. Gonzi bħala Kappillan ta' Wied il-Għajn (Marsaskala). Huwa ngħata l-Pussess fit-2 ta' Frar 1964 mill-Isqof Emmanuele Galea. Ix-xhieda kienu Dun Pantaleone Orland, Arċipriet taż-Żejtun u Dun Edgar Attard, Kappillan tal-Gudja.

Huwa sab knisja li l-bini tagħha kien għadu fil-bidu tiegħu u li kienet b'saqaf temporanju u li kellha Lm22,000 dejn. Din il-knisja fuq stil barokk kienet ġiet ippjanata mis-sur Vincenzo Bonello, u Dun Joe Carabott ħa ħsieb li jinġabru l-flus u jinqata' d-dejn.

Kien ġie kkalkulat li biex titlesta kif kienet ippjanata, kienet ser tiġi spiża kbira ħafna għal dan ir-raħal ta' madwar elf ruħ, dak iż-żmien. Għalhekk l-Arċisqof M. Gonzi ddeċieda li l-pjanta tiġi mibdula u ssemplifikata. Ġie mqabbad il-Perit Joseph Borg Grech li għamel il-pjanta l-ġdida. Iddisinja wkoll il-pjanta ta' l-iskola primarja li kellha tinbena eżatt warajha.

Intefqu Lm3,500 sabiex saru l-modifikazzjonijiet fil-knisja eżistenti u Lm8,000 oħra biex tlestiet kompletament. Ix-xogħol beda fl-1967 u tlesta fl-1973. L-iskola primarja tlestiet ftit qabel. Din il-knisja hija ddedikata lil Sant'Anna, u Wied il-Għajn ġie ddikjarat parroċċa minn Mons. Arċisqof M. Gonzi fil-15 ta' Marzu 1949, b'Dun Tarcisio Agius bħala l-ewwel Kappillan.

Dun Joe Carabott ħa ħsieb li l-istatwa titulari ta' Sant'Anna tiġi ndurata mill-ġdid mid-ditta Coleiro tal-Belt. Din twasslet fil-bajja ta' quddiem il-knisja fuq luzzu akkumpanjat minn numru sabiħ ta' dgħajjes. Dan sar bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-ftuħ tal-knisja l-ġdida fl-1973. Il-ftuħ uffiċjali ta' l-iskola primarja sar fl-istess żmien tal-ftuħ uffiċjali tal-knisja minn Dr. Antonio Paris - dak iż-żmien Ministru ta' l-Edukazzjoni fl-amministrazzjoni tal-Prim Ministru Dr. Ġorġ Borg Olivier.



*Wied il-Għajn, 2 ta' Frar 1964: Dun Joe Carabott jingħata l-Pussess bħala Kappilan ta' Wied il-Għajn mill-Isqof Awżiljarju Mons. Emanuel Galea.*



*Wied il-Għajn, Frar 1964: Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi jifraħ lil Dun Joe Carabott għall-ħatra ġdida tiegħu ta' Kappillan.*



Il-Mosta, Awwissu 1967: Konnessjoni oħra mal-Mosta. Dun Joe Carabott flimkien ma' żewġ saċerdoti ġodda Mostin fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Quddiesa solenni tagħhom. Mix-xellug jidhru Dun Norrie Bonavia, Dun Ġwann Caruana u Dun Joe Carabott. Huwa kien issostitwixxa lill-Arċipriet tal-Mosta Dun Bert Bezzina għax kien ma jiflaħx.

Hawnhekk Dun Joe Carabott fetaħ l-ewwel *Youth Centre*. Fi żmienu twaqqfu tliet għaqdiet reliġjużi, il-*Piccolo Clero*, u l-Kor tal-Parroċċa. Nhar ta' Hadd bdiet issir quddiesa bl-Ingliż għar-residenti barranin u turisti.

Dun Joe Carabott minn dejjem kien jieħu ħsieb il-vokazzjonijiet saċerdotali. Fi żmienu f'Wied il-Għajn daħlu tlett żgħażagħ fis-Seminarju u li aktar tard ġew ordnati saċerdoti. Dawn kienu l-aħwa Dun Frans Bianco u Dun Noel Bianco u Dun Louis Suban (illum Arċipriet ta' San Pawl ir-Rabat, Malta).

## Arċipriet tas-Siġġiewi 1976-1981
## Minn Wied il-Għajn għas-Siġġiewi

Dun Joe Carabott ingħata l-Pussess bħala Arċipriet tas-Siġġiewi fit-8 ta' Frar 1976 mill-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Ix-xhieda kienu ż-żewġ Viċijiet tas-Siġġiewi - Dun Danjel Schembri u Dun Dione Cutajar. Il-parroċċa tas-Siġġiewi hija ddedikata lil San Nikola ta' Bari u l-motto ta' dan ir-raħal hu '*Labore et Virtute*' - 'Bil-Ħidma u bil-Ħila'.

Is-Siġġiewi tal-lum huwa magħmul minn diversi rħula li fil-qedem kienu mxerrda madwaru. Fost dawn l-irħula żgħar insibu lil Ħal Qdieri u Ħal Xluq fejn hemm il-knisja ddedikata lil Marija Assunta. Insibu wkoll lil San Niklużi bi knisja żgħira ddedikata lil San Niklaw. Raħal żgħir ieħor konness mas-Siġġiewi huwa Ħal Kbir fejn insibu l-knisja sabiħa tal-Providenza. Kien f'dawn l-inħawi fejn Mons. Mikiel Azzopardi bena d-Djar magħrufa bħala "Tal-Providenza".

F'Wied il-Għajn il-popolazzjoni kienet ta' madwar 1,000 ruħ, iżda issa fis-Siġġiewi kellu f'idejh parroċċa ta' madwar 6,000 ruħ b'numru kbir ta' bdiewa, nersis u għalliema. Hawnhekk hawn waħda mill-isbaħ knejjes ta' Malta li oriġinarjament kienet inbniet fl-1675 fuq pjanta tal-magħruf Lorenzo Gafà.

Iżda l-knisja li naraw illum hija differenti minn ta' dak iż-żmien. Fl-1862 saru n-navi u l-portiku sabiħ li naraw illum. Dawn ġew iddisinjati u ppjanati mill-Prof. Nikola Zammit mis-Siġġiewi stess. Dan kien tabib ferm magħruf,



Is-Siġġiewi, 8 ta' Frar 1976: Dun Joe Carabott idoqq il-qanpiena l-kbira tas-Siġġiewi waqt iċ-ċerimonja tal-Pussess, bl-Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħdejh.

kif ukoll arkitett bravu tassew. Illum qabel tidħol is-Siġġiewi tista' tara monument sabiħ ddedikat lil Prof. Nikola Zammit, li jinsab fi triq imsemmija għalih, u fl-inawgurazzjoni tiegħu tbierek minn Dun Joe Carabott. Il-kappella tlestiet fl-1919.

Hawnhekk Dun Joe sab parroċċa organizzata tajjeb, b'numru sabiħ ta' qassisin u għaqdiet reliġjużi attivi. Il-parruċċani tas-Siġġiewi jħobbu jgħinu ħafna u jqisu lid-Djar tal-Providenza bħala parti minnhom. Huma tant jgħinu lil dawn id-Djar illi d-Direttur tagħhom kien jirreferi għal din l-għajnuna bħala "Xmara ta' Imħabba" li tnixxi mir-raħal tas-Siġġiewi sa dawn id-Djar.

Dun Joe Carabott mill-ewwel ħa ħsieb idur dawra sew ma' din il-knisja, fejn sar ammont ta' restawr mhux ħażin. Iżda l-aktar li sar restawr kien fuq il-lanterna li kellha ħsara mhux ħażin. Ħa ħsieb ukoll li jsir ir-restawr ta' l-Oratorju tal-lokal kif ukoll f'Dar Ommna Marija fejn it-tfal jitgħallmu d-Duttrina.

Hawnhekk Dun Joe sab familji tajbin u insara prattikanti. B'riżultat ta' dan u bil-ħidma tiegħu, ġew ordnati tliet saċerdoti u erbgħa oħra bdew il-kors ta' saċerdoti fis-Seminarju matul il-ħames snin u nofs li dam hawnhekk. Fost dawn insibu lil Dun Nikol Cachia, Dun Pawl Vella u Dun Nikol Pace.

## Arċipriet tal-Mosta 1981-2003
## Mis-Siġġiewi għall-Mosta

Fl-ewwel ta' Novembru 1981, Dun Joe Carabott ingħata l-Pussess bħala Arċipriet tal-Mosta mill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca. Ix-xhieda kienu Mons. Bartolomeo Bezzina (l-Arċipriet ta' qablu) u Mons. Lawrenz Gatt (Direttur tad-Djar tal-Providenza).

F'dak iż-żmien kienet parroċċa b'madwar 10,000 ruħ, iżda tul it-22 sena li dam Arċipriet, dan in-numru kważi rdoppja. Minn raħal oriġinarjament tal-biedja bil-motto "*Spes Alit Ruriculam*" li jfisser "It-Tama Tgħajjex il-Bidwi", dan kiber b'rata mgħaġġla u żviluppa f'belt kummerċjali u attrazzjoni turistika l-aktar minħabba l-popolarità tal-Knisja Arċipretali - ir-Rotunda.

Fi żmienu sar ħafna xogħol fil-parroċċa, speċjalment fir-Rotunda u madwar ir-raħal kollu għall-bżonnijiet spiritwali tal-Parruċċani Mostin. Iżda dwar dan nitkellmu separatament f'artiklu ieħor.

Hawnhekk ser insemmu biss il-ħidma intensa tiegħu fil-qasam tal-vokazzjonijiet. Tul dawn is-snin ġew ordnati tnax-il saċerdot u numru ta' reliġjużi oħra. Fost dawn insibu



*Il-Mosta, 1 ta' Novembru 1981: Dun Joe Carabott jidħol fil-Konfessjonarju waqt iċ-ċerimonja tal-Pussess tal-Parroċċa tal-Mosta. Jidher ukoll il-Vigarju Ġenerali Mons. Carmelo Xuereb. (ritratt: Victior B. Caruana)*

lil Dun Pawl Sciberras li ġie ordnat saċerdot fl-1988, għalkemm dan daħal is-Seminarju qabel Dun Joe ġie l-Mosta. Illum huwa *lecturer* ta' l-Iskrittura fl-Università ta' Malta.

Fl-1994 ġew ordnati żewġ saċerdoti oħra li kienu Dun Joe Buhagiar (Rettur Komunità Imtarfa) u Dun Manwel Camilleri (Rettur Knisja Santa Marija Birkirkara). Is-sena 1997 kienet tassew memorabbli għax fiha ġew ordnati erba' saċerdoti. Dawn kienu Dun Reuben Deguara (Kappillan Ħad-Dingli), Dun Joe Grech (Arċipriet ta' l-Isla), Dun Gerald John Micallef (Viċi Parroku fl-Ibraġġ) u Dun Joseph Sciberras (Viċi Parroku f'Pembroke).

Fl-1998 ġie ordnat saċerdot Dun Jimmy Bonnici u fl-1999 ġie ordnat saċerdot Dun Christopher Galea (Viċi Parroku f'Ħal Qormi - San Ġorġ). Fis-sena 2001 ġew ordnati żewġ saċerdoti oħra li kienu Dun Joe Cilia (Viċi Parroku f'Ħal Qormi - San Bastjan) u Dun David Muscat.

L-aħħar saċerdot li ġie ordnat fi żmien Dun Joe Carabott kien Dun Antoine Borg fl-2003. Sakemm jiġi ppubblikat dan l-annwal ikun ġie ordnat saċerdot ieħor - Dun Brendon Gatt u fi ftit żmien ieħor Darren Pace.

## 2003: Maħtur Monsinjur tal-Katidral ta' l-Imdina Mogħti 'Ġieħ il-Mosta'

Dun Joe Carabott temm il-ħidma tiegħu bħala Arċipriet tal-Mosta fl-aħħar t'Awwissu 2003 - wara 22 sena - meta t-tmexxija tal-parroċċa ġiet fdata f'idejn l-Arċipriet il-ġdid Dun Mario Tong li ħa l-Pussess fit-8 ta' Diċembru 2003.

Nhar is-Sibt 26 ta' Lulju 2003 Dun Joe Carabott ħa l-Pussess ta' Monsinjur tal-Katidral ta' l-Imdina, waqt ċerimonja li tmexxiet mill-Isqof Awżiljarju Mons. Annetto Depasquale. Huwa nħatar Monsinjur bħala għarfien ta' qadi tajjeb bħala Kappillan ta' Wied il-Għajn, Arċipriet tas-Siġġiewi u Arċipriet tal-Mosta. Fl-istess ċerimonja ħadu l-Pussess ħames Monsinjuri oħra. Dawn kienu Mons. Manuel Agius, Mons. Vincenzo Deguara, Mons. Giuseppe Mifsud Bonnici, Mons. Joseph Vella (li miet seba' xhur wara) u Mons. Carmelo Zammit.



*Is-Sibt, 26 ta' Lulju 2003: Mons. Joe Carabott ftit wara li ngħata l-Pussess fil-Katidral ta' l-Imdina. (ritratt: Victor B. Caruana)*

F'laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mosta li saret nhar it-Tnejn 9 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill iddeċieda li jonora lil Dun Joe Carabott bl-unur ta' "Ġieħ il-Mosta". Dan jingħata bħala rikonoxximent għal ħidma hekk kbira tar-restawr tar-Rotunda u li rnexxielu jwettaq bil-kollaborazzjoni tal-Mostin kollha u għall-ħidma fejjieda tiegħu bħala Arċipriet tal-Mosta għal tnejn u għoxrin sena.

Nhar is-Sibt 2 t'Awwissu 2003, bħala parti mill-festa ta' Santa Marija, saret quddiesa fir-Rotunda b'dedika speċjali għall-Għaqdiet Ċiviċi, Sportivi u Politiċi tal-Mosta. Wara l-quddiesa, is-Sindku Joe De Martino ppreżenta l-Onorifiċenza "Ġieħ il-Mosta" lil Mons. Joe Carabott.

Esperjenza speċjali f'ħajtu hija r-rabta tiegħu mal-Polonja. Din bdiet fl-1977 meta mar jiltaqa' ma' saċerdot Pollakk li kien sar jafu Wied il-Għajn. Kien alloġġjat f'Seminarju fi Krakovja fejn għamel ħbieb ma' diversi Seminaristi. Dan wasslu biex għamel il-paniġierku ta' wieħed minnhom fil-belt ta' Tarnow., u mexxa diversi funzjonijiet f'diversi parroċċi fil-Polonja.

Mons. Joe Carabott kixef monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-parroċċa ta' Oleza f'Zakapone. Huwa ġie magħżul wieħed mid-diretturi ta' *Siemachy Foundation*, li hija fondazzjoni li tgħin mijiet ta' żgħażagħ u tfal. Mons. Carabott laqa' għandu diversi ħbieb, kif hu kien milqugħ minnhom bil-qalb. Din hi r-raġuni li erba' isqfijiet Pollakki fosthom wieħed li issa sar Kardinal (Zenon Groucholewski) mexxew il-festi ta' Santa Marija fil-Mosta.

*31 ta' Marzu 2004.*



*Il-Ħadd, 19 t'Awwissu 1981, ġewwa r-raħal ta' Oleza f'Zakapene fil-Polonja. Dun Joe Carabott jikxef monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II flimkien mas-Sindku ta' dan ir-raħal Pollakk.*